MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 259/2005

**Avviz numru 259/05DM**

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**East Coast International Commerce Ltd (C27665)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm2,393.83) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21340984, 21341280 u 21341393 (CN1066277 – Ac 10096716), u dan *ai termini* tar-regoli viggenti li jirregolaw is-servizz telefoniku.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lill-PL Noel Scerri prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda konsegwentement tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elfejn, tlett mija u tlieta u disghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm2,393.83) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------